MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Numru. 592/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Cynthia Sultana bint Carmel u Maria Assunta nee' Formosa,**
**imwielda fid-19 ta' Lulju, 1977 u residenti fil-fond Green Valley,**
**Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 20677(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Cynthia Sultana li giet akkuzata talli nhar it-30.08.2009 ghall-habta ta' 20:30hrs gewwa Triq il-Qacca, Xaghra, Ghawdex;

1. Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika bi glied;
2. ikkagunat ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rita Attard kif iccertifika Dr. A. Psaila MD tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju illi nqaghlet glieda bejn l-imputata u l-parti leza fejn principalment kienu involuti Marvic Spiteri u John Attard ir-ragel ta’ Rita. Il-partijiet madanakollu ma jaqblux dwar il-mod kif bdiet il-glieda. Madanakollu mill-provi cirkustanzjali jidher illi l-glieda sehhet barra quddiem il-bieb tal-garaxx ta’ John Attard u Rita Attard. Xhieda ta’ dana hemm id-demm fuq il-bieb tal-garaxx u barra fit-triq appartanenti lil John Attard kif ukoll il-papocca ta’ Marvic Spiteri li nstabet fit-triq barra;

Inoltre kemm l-imputata kif ukoll Marvic Spiteri u John u Rita Attard fil-verzjonijiet moghtija minnhom a tempo vergine kollha jaqblu illi l-glieda saret barra. Dana ghaliex ghalkemm John Attard u Rita Attard jghidu illi kienu gewwa, jammettu izda li John Attard gie imkaxkar ’il barra mill-imputat fejn hemm kompliet il-glieda bejniethom. Illi l-Qorti ma ghandhiex dubju illi nqala’ argument bejn dawn l-erba’ (4) min-nies u huma sofrew griehi ta’ natura hafifa meta gew fl-idejn;

Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw ippruvati u ghalhekk il-Qorti wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ammenda ta’ hamsa u ghoxrin ewro (€25) fuq kull akkuza;

Inoltre l-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hatja b'garanzija personali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum fil-konfront ta' Rita Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------